A.L. 64 ta' l-1980

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 13)

Regolamenti ta' l-1980 dwar Irmonk (Tariffa tar-Rati)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 299 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 dwar Irmonk (Tariffa tar-Rati), u għandhom jibdew iseħħu fil-jum li jiġi minnufih wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Tariffa tar-rati.

2. Id-drittijiet għal għajnuna mogħtija minn bastimenti ta' l-irmonk lil bastimenti li jidħlu, joħorġu jew jiċċaqalqu fil-Port il-Kbir jew fil-Port ta' Marsamxett m'għandhomx ikunu iżjed mir-rati speċifikati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Kif jinħadem il-ħin.

3. Il-ħin li għalih japplikaw ir-rati skond l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandu jibda jgħodd jew mill-ħin li l-bastiment ta' l-irmonk ikun ordnat biex jibda x-xogħol jew mill-ħin li jitlaq mill-irmiġġ, skond liema jkun l-ewwel, u l-ħin li jispiċċa jkun dak meta l-bastiment ta' l-irmonk jasal lura fuq l-irmiġġ tiegħu. Jekk jingħata servizz fil-Port il-Kbir il-ħin minn jew għall-irmiġġ għandu jiġi kalkolat bħala għoxrin minuta; jekk is-servizz jingħata fil-Port ta' Marsamxett il-ħin minn jew għall-irmiġġ għandu jiġi kalkolat bħala tletin minuta.

Tħassir ta' ordni għal bastiment ta' l-irmonk.

4. (1) Meta jkunu japplikaw ir-rati normali taħt il-Kolonna 2 ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti ma għandu jitħallas ebda dritt jekk ordni għas-servizz ta' bastiment ta' l-irmonk titħassar u avviż ta' dak it-tħassir jingħata għall-anqas sagħtejn qabel il-ħin li kellu jibda s-servizz.

(2) Jekk l-avviż għat-tħassir ma jingħatax kif provdut fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandha titħallas nofs ir-rata ta' siegħa speċifikata fil-Kolonna 2.

(3) Jekk bastiment ta' l-irmonk ikun ordnat għal servizz bejn l-4.00 p.m. ta' jum u t-8.00 a.m. tal-jum ta' wara u dik l-ordni titħassar —

(i) jekk l-ordni titħassar bejn it-8.00 a.m. u l-4.00 p.m. u dak it-tħassir isir mhux aktar tard minn sagħtejn qabel il-ħin li fih kellu jibda s-servizz, ma jitħallas ebda dritt: iżda titħallas l-inqas rata ta' siegħa jekk l-avviż għat-tħassir ma jingħatax kif intqal qabel;

(ii) jekk l-ordni titħassar bejn l-4.00 p.m. ta' jum u t-8.00 a.m. tal-jum ta' wara jew f'xi ħin nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd jew f'xi Btala Pubblika oħra għandha titħallas l-inqas rata ta' siegħa.

SKEDA

(Regolament 2)

Rati għal kull bastiment ta' l-irmonk kull siegħa jew parti minnha

Kolonna 1	Kolonna 2 Rati normali	Kolonna 3 **Rati applikabbli bejn l-4.00 p.m. u d-9.00 p.m. (Ara nota 1)**	Kolonna 4 **Rati applikabbli bejn id-9.00 p.m. ta' jum u t-8.00 a.m. tal-jum ta' wara u f'xi hin nhar ta' Sibt, nhar ta' Hadd u fi Btajjel Pubbliċi oħra (Ara nota 2)**
	£M	£M	£M
Għal bastimenti sa 2,000 tunnellati gross reġistrati	23.00	29.00	34.50
Għal bastimenti ta' tunnellati gross reġistrati bejn —			
2,001 u 3,000	32.50	40.50	49.00
3,001 u 4,000	39.50	49.50	59.50
4,001 u 5,000	41.50	52.00	62.50
5,001 u 6,000	44.00	55.00	66.00
6,001 u 7,000	45.50	57.00	68.50
7,001 u 8,000	50.50	63.00	76.00
8,001 u 9,000	54.00	67.50	81.00
9,001 u 10,000	58.00	72.50	87.00
10,001 u 11,000	62.50	78.00	94.00
11,001 u 12,000	67.50	84.50	101.50
12,001 u 13,000	72.00	90.00	108.00
13,001 u 14,000	77.00	96.50	115.50
14,001 u 15,000	82.00	102.50	123.00
15,001 u 16,000	86.50	108.00	130.00
16,001 u 17,000	91.50	114.50	137.50
17,001 u 18,000	96.50	120.50	145.00
18,001 u 19,000	101.00	126.50	151.50
19,001 u 20,000	106.00	132.50	159.00
20,001 u 21,000	110.50	138.00	166.00
21,001 u 22,000	115.50	144.50	173.50
22,001 u 23,000	120.50	150.50	181.00
23,001 u 24,000	125.00	156.50	187.50
Għal bastimenti 'l fuq minn 24,000 tunnellati gross reġistrati	130.00	162.50	195.00

Noti:

(1) Għal servizzi mogħtija bejn l-4.00 p.m. u d-9.00 p.m. ikunu japplikaw jew id-drittijiet maħdumin bir-rati taħt il-Kolonna 3 jew id-drittijiet maħdumin bir-rati taħt il-Kolonna 2 miżjuda b'£50 għal kull bastiment ta' l-irmonk, skond liema minnhom ikun l-ikbar.

(2) Għal servizzi mogħtija bejn id-9.00 p.m. ta' jum u t-8.00 a.m. tal-jum ta' wara jew f'xi ħin nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd jew f'xi Btala Pubblika oħra jkunu japplikaw jew id-drittijiet maħdumin bir-rati taħt il-Kolonna 4 jew id-drittijiet maħdumin bir-rati taħt il-Kolonna 2 miżjuda b'£100 għal kull bastiment ta' l-irmonk, skond liema minnhom ikun l-ikbar.

(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 4 l-inqas dritt ma għandu f'ebda każ ikun inqas mir-rata maħduma għal sagħtejn.

(4) Ir-rati li jitħallsu għal għajnuna lil bastimenti inkapaċitati jiżdiedu b'ħamsin fil-mija, suġġetti għall-inqas dritt ta' £300.

(5) Meta ċ-ċimi għall-irmonk jiġu provduti mill-bastiment ta' l-irmonk jitħallas dritt addizzjonali ta' £5 għal kull bastiment ta' l-irmonk.